MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 1

4 ta' Lulju 2024

Minuti tas-seduta Nru. 1 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis, 4 ta' Lulju 2019 fl-4.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fil-kamra.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Tmexxija tas-Seduta

Il-Kunsillier E. Bartolo beda billi aċċenna għall-Artikli 2 u 25(4) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), u mexxa s-seduta peress li ilu jservi kontinwament fil-kariga, filwaqt li jappartjeni lill-partit li fl-aħħar Elezzjoni Lokali ġab l-akbar għadd ta' voti.

**Talba**

It-talba ntqalet mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 1.1. Minuti

1.2. Billi din kienet l-ewwel seduta ta' kunsill ġdid, ma' kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1.1. Minħabba r-raġuni msemmija fil-minuta 1.2., aktar 'il fuq ma kienx hemm materji mqajma mill-minuti tas-seduta preċedenti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma kien hemm ebda mistoqsijiet.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- Dikjarazzjoni mressqa mill-grupp tal-Partit Laburista – 04/07/24.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1. Fil-bidu tas-seduta, il-Kunsillier J. Buttigieg, f'isem il-grupp tal-Partit Laburista qara stqarrija fejn iddikjaraw li l-istess grupp fehem il-messaġġ mibgħut mill-elettorat u ser jirripettaw dan il-proċess demokratiku, kif ukoll ser jaġixxu b'eżempju u umiltà fl-interess tar-residenti mingħajr distinzjoni. Għaldaqstant ser jappoġġjaw il-Kunsillier G. Micallef u l-Kunsillier M. Borg Cuscheri sabiex jiġu eletti bħala Sindku u Viċi Sindku, rispettivament. Id-dikjarazzjoni tgħid li minkejja dan l-appoġġ, il-grupp jemmen li kien hemm alternattivi oħra aktar rappreżentattivi tax-xewqat tar-residenti. Kopja tad-dikjarazzjoni qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

5.2. Il-Kunsill innota id-dikjarazzjoni mressqa./

## 6.1. Ħatra ta' Sindku (K/1/6/Vol II)

6.2. Il-Kunsillier E. Bartolo tenna li l-ebda partit politiku ma kiseb maġġoranza assoluta ta' siġġijiet fl-elezzjonijiet lokali tat-8 ta' Ġunju 2024, u għalhekk f'din l-ewwel laqgħa għandha ssir elezzjoni tas-Sindku u sussegwentement tal-Viċi Sindku minn fost il-membri eletti skond ma hemm provdut fl-Artiklu 25(3) u għas-Seba' Skeda tal-Att. Huwa għalhekk stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu n-nomini tagħhom.

6.3. Il-Kunsillieri kollha nnominaw lis-Sur Gabriel Micallef għall-kariga ta' Sindku u dan kien rifless fir-riżultat tal-votazzjoni li saret.

6.4. Il-Kunsillier G. Micallef ġie mistoqsi dwar jekk huwiex lest li jaċċetta din il-kariga. Huwa wieġeb fl-affirmattiv u ffirma dikjarazzjoni għal dan l-effett, u ħa l-ġurament quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dott. Marouska Debono, li kienet preżenti fil-kamra.

6.5. Minn dan il-punt 'il quddiem is-Sindku G. Micallef mexxa s-seduta.

## 7.1. Ħatra ta' Viċi Sindku (K/1/6/Vol II)

7.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-Artiklu 25(3) u għas-Seba' Skeda tal-Att u stieden lill-membri tal-Kunsill sabiex iressqu n-nomini tagħhom għall-kariga ta' Viċi Sindku.

6.6. Il-Kunsillieri kollha nnominaw lis-Sur Matthew Borg Cuschieri għall-kariga ta' Viċi Sindku u dan kien anke rifless fil-votazzjoni li saret.

7.3. Il-Kunsillier M. Borg Cuschieri ġie mistoqsi dwar jekk huwiex lest li jaċċetta din il-kariga. Huwa wieġeb fl-affirmattiv u ffirma dikjarazzjoni għal dan l-effett, u ħa l-ġurament quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja preżenti fil-kamra.

7.4. Il-Viċi Sindku elett apprezza n-nominazzjoni tiegħu u qal li l-kampanja elettorali tiegħu kienet vjaġġ pjuttost qasir u tagħtu l-opportunità li jesperjenza rispons pożittiv tar-residenti. Aċċenna wkoll li fiha ma sabx lil min ixekklu minn taħt, anzi sab koperazzjoni sħiħa mingħand kull minn ġie f'kuntatt miegħu fil-kampanja. Huwa wiegħed li ser ikun dispost li jisma l-fehmiet tal-partijiet kollha fil-materji li jqumu, filwaqt li jesprimi l-opinjoni tiegħu fl-interess komuni. Is-Sur Borg Cuschieri aċċenna wkoll għad-dikjarazzjoni tal-grupp Laburista u ddeskriviha bħala ġest ta' maturità li għandha tagħmel tagħmel unur lill-komunità Mellieħija.

## 8.1. Stqarrija mis-Sindku (K/1/6/Vol II)

8.2. Is-Sindku G. Micallef sellem lill-Kunsillieri kollha eletti għad-Disa' Kunsill, filwaqt li rringrazzja lil dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra m'għadhomx parti mil-Kunsill, bħal l-ex-Kunsillieri Marvin Abela, Annabelle Brincat Stellini, Joseph Gauci u Dario Vella, għas-servizz li taw tul il-kariga tagħhom. Huwa qal li anke ser jesprimi dan fuq bażi personali. Irringrazzja

wkoll lill-Onor. Ivan Castillo li serva fil-Kunsill preċedenti bħala Mexxej tal-Minoranza, sakemm ġie elett Membru fil-Kamra tad-Deputati f'Marzu tal-2022.

8.3. Is-Sur G. Micallef feraħ lill-Kunsillieri eletti għall-ewwel darba − Corinne Castillo, Matthew Borg Cuschieri, Loridana Darmanin, u Jude Samuel Cauchi. Huwa qal li din ir-responsabiltà iġġib magħha l-obbligu li wieħed jaħdem sabiex iġib bidla pożittiva għar-residenti.

8.4. Is-Sindku feraħ ukoll lill-Kunsillieri John Buttigieg u Emvin Bartolo li l-esperjenza li kisbu fil-kunsill għandha sservi ta' gwida fid-deċiżjonijiet li jittieħdu minn dan il-Kunsill. Huwa sellem ukoll lil Kunsilleri Kurt Buttigieg u Rebecca Bartolo Cutajar, li reġgħu ġew eletti għat-tieni darba konsekuttiva.

8.5. Is-Sindku wera apprezzament lis-Segretarju Eżekuttiv Carmel Debono, li serva lill-Kunsill sa mill-bidu tiegħu, u lis-Sinjura Marica Gambin tas-sostenn u d-dedikazzjoni taghhom, kif ukoll l-impjegati l-oħra, li huma fuq quddiem fejn jirrigwarda l-kuntatt mal-pubbliku u l-amministrazzjoni in ġenerali.

8.6. Is-Sur Micallef qal li fil-ħames snin li ġejjin ser jara li titkompla l-ħidma mibdija minn Kunsilli preċedenti, li hallew legat illi jrid jigi sostnut ħalli jibqa' l-proġett u inizjattivi li ttieħdu jibqgħu jiġu apprezzati mill-kommunita kollha u l-ġenerazzjoni futuri. B'dan il-mod ikun qed jingħata ġieh lill-kontribut ta' Kunsilli preċedenti.

8.7. Hija l-intenzjoni li d-Disa' Kunsill jaħdem flimkien biex l-idejat li ġew ipprezentati fil-programmi elettorali jiġu kkunsidrati u hekk jintlaħqu aktar l-asipirazzjonijiet tar-residenti. Is-Sur Micallef qal li huwa jemmen li bis-sehem ta' kulhadd, hidma kontinwa mar-residenti tista' issir id-differenza sabiex jiġu ndirizzati d-diffikultajiet u nuqqasijiet li qed nesperjenzaw minħabba bosta tibdil fit-tessut tal-lokalità. Is-Sindku qal li huwa mportanti li tissaħħaħ il-komunikazzjoni sabiex il-Kunsill ikun sors ta' informazzjoni għall-komunità, filwaqt li jeħtieġ li ssir evalwazzjoni kontinwa tas-servizz provduti mill-kunsill u l-kuntratturi.

8.8. Is-Sindku qal li b'umiltà jħares il'quddiem biex ir-residenti jitpoġġew fiċ-ċentru tal-ħidma u u l-*policies* li jiġu addottati. Is-Sur G Micallef irringrazzja lil kull minn wera fiduċja fiħ biex flimkien jahdmu fl-aqwa interess tal-lokalità.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-6:00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju 2024 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |